## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 78/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Colin Formosa**

**Jesmond Mifsud**

**Joseph Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellati, Colin Formosa, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 439670M, Jesmond Mifsud detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 193465M u Joseph Brincat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 320567M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi u/jew segretarji u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjeta' kummerċjali Pilot Launch Operations Limited (C 42715), b'indirizz reġistrat 19, Pinto Wharf, Valletta, Malta u/jew bħala persuni li kienu nkarigati mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex timpjega ħaddiema skont il-

Liġi, naqsu milli jimpjegaw lil Joe Borg St John, detentur tal-karta tal-identita' numru 236853M, Joseph Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 195849M, Lee Caruana, detentur tal-karta tal-identita' numru 535984M, Arthur Grech, detentur tal-karta tal-identita' 113486M, Johann Carabott, detentur tal-karta tal-identita' numru 208277M, Carmelo Caruana, detentur tal-karta tal-identita' numru 674460M, Graham Calleja, detentur tal-karta tal-identita' numru 147983M, Carmelo Mula, detentur tal-karta tal-identita' numru 8071M u Carmel-Carl D'Amato, detentur tal-karta tal-identita' numru 43890M bħala impjegati fuq bażi ta' *part-time* jew *full-time*, u minflok talbu u nqdew bis-servizzi ta' dawn l-istess persuni bħala self-employed sal-ġurnata tal-lum u dan bi ksur tar-regolamenti tal-Avviż Legali 44 ta' 2012 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputati, ai termini tar-Regolament 13 tal-Avviż Legali 44 ta' 2012 tal-Liġijiet ta' Maltra, u ta' artiklu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi, u ċioe' multa ta' mhux anqas minn elf ewro (€1,000) fir-rigward ta' kull impjegat affetwat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u illiberathom minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2015, li bih talab lil din il-Qorti **tannulla** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tipproċedi *ai termini* tal-artiklu 428 tal-Kodiċi Kriminali fl-aħjar interess tal-ġustizzja, jew alternattivament sabiex **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tgħaddi sabiex wara li tisma' x-xhieda tal-prosekuzzjoni ssib lill-appellati **ħatja** għar-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontrihom, u konsegwentement tinfliġġi piena li hija ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali li jitratta dwar kawza quddiem il-prim'istanza migjuba kontra l-appellati fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg. Id-Dipartiment talab li jinbdew proceduri kontra l-appellati fil-kapacita' taghhom bhala rapprezentanti ta' socjeta kummercjali u dan wara li naqsu milli jaghtu impjieg fuq bazi part-time jew full-time lil persuni li kienu ingaggati maghhom fuq bazi self-employed u allura kontra d-dispost tal-Avviz Legali 44 tal-2012. L-Avukat Generali qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bhala wahda nulla u bla effett u dan ghal-zewg ragunijiet. Fl-ewwel gravami tieghu, l-Avukat Generali jghid illi s-sentenza appellata inghatat fl-4 ta' Frar tas-sena 2015 izda l-kopja tas-sentenza ggib d-data tal-4 ta' Frar 2014. Ezaminati l-atti jirrizulta sentenza bid-data tal-4 ta' Frar 2015 u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

It-tieni gravami tal-appell jinkorpora fih zewg aspetti. L-ewwel wiehed huwa li l-kawza mertu tal-appell kienet wahda *ex officio* u ghalhekk l-impjegati ma setghux jirrinunzjaw ghall-azzjoni kontra d-dirigenti tal-kumpanija li timpjegahom. Fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma tat l-opportunita' lill-prosekuzzjoni li tressaq ix-xhieda taghha. Issa, ezaminati l-atti processwali l-kawza fil-kwistjoni hawn devoluta kienet appuntata ghas-smiegh ghal-4 ta' Frar, 2015. F'dik is-seduta kien registrat is-segwenti verbal :

> ***Meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Lynn Spiteri Dalmas u Dr. Elizabeth Borg ghad-Dipartiment [,] ghall-Prosekuzzjoni WPC 229 Marvyn Spiteri;***
>
> ***Deheru l-imputati assistiti minn Dr. Jean Karl Farrugia;***

*Dehru id-difensuri tal-parte civili kollha u l-parte civile.*

*Il-kawza deciza – liberati.*

Fis-sentenza taghha imbaghad l-Qorti, wara li rreplikat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellati qalet hekk:

*Il-Qorti:*

*Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;*

*Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Wara li semghet ix-xhieda mressqa;*

*Wara li rat ir-Regolamenti 3, 5 u 13 tal-Avviz Legali 44 ta' 2012; l-Artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, hekk kif emendati mill-Avviz Legali 427 tal-2007; ir-regolamenti 3 U 4 TAL-Avviz Legali 112 tal-1988, kif emendat bl-Avviz Legali 211 tal-1980, 181 tal-1993, 273 tal-1988, tal-1999 u 427 tal-2007.*

*Ikkunsidrat:*

*Peress illi dehru wkoll l-Avukati tal-impjegati u l-impjegati li esprimew ix-xewqa taghhom li jibqghu impjegati bhal ma huma llum u jixtiequ wkoll illi din l-kawza ma titkompliex kif ukoll ghan-nom taghhom. Hadd ma jista' jindahal fuq kif bniedem jimpjega ruhu. Dan huwa d-dritt sacrosant tieghu! L-impjegati jixtiequ jibqghu impjegati kif inhuma f'dan l-istadju.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tilliberahom minnhom.*

Illi minn qari tal-verbal tas-seduta u tas-sentenza appellata gia hemm diskrepanza dwar dak li attwalment sehh in awla. Filwaqt illi l-Ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza illi semghet il-provi u ezaminat id-dokumenti esibiti, fir-rejalta ma semghet xejn u ma rat xejn ghaliex kif tajjeb ssottometta l-Avukat Generali hadd ma xehed f'dawk il-proceduri u l-Magistrat decident ghadda minnufih biex jipprolata s-sentenza minghajr ma ta l-opportunita' lill-prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha. Dan kollu jirrendi l-procedura hawn skrutinata nulla.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett. Tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.